MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 559/2006

**Raymond Chircop ezercenti l-kummerc bhala "Raycop Enterprises" (Karta ta' l-Identita' 345937M) u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2007 l-atti gew trasfuzi f'isem Massimo, Aldo u Dario ahwa Chircop stante l-mewt tal-attur Raymond Chircop, u b'digriet tas-17 ta' Settembru 2009 gew imhassra l-kliem " esercenti l-kummerc bhala 'Raycorp Enterprises' "**

***kontra***

**Imelda Naudi (Karta ta' l-Identita' numru 1054748M) Rose Azzopardi (Karta ta' l-Identita' numru 58245M) u Maria Tsolis (Karta ta' l-identita' numru 119947M) ahwa Camilleri**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Gunju 2006 li li jaqra hekk –

*1. Illi l-attur kera l-garage bl-isem ta' "St. Anthony Garage", Triq Zamenhof gja Triq Gdida fi Triq it-Torri, Msida minghand l-awtur tal-konvenuti permezz ta' skrittura privata hawn allegata bhala Dok. "A" versu l-krija ta' zewg liri (Lm2) kuljum, liema kirja bdiet fis-sehh fl-14 ta' Dicembru 1979. Il-konvenuti llum huma l-propjetarji ta' dan il-fond wara l-mewt tal-genituri taghhom.*

*2. Illi fid-29 ta' Novembru 1995, l-art ta' dan il-garage sfrondat u dana minhabba li l-art ma saritx skond is-sengha u l-arti u kif debitament gie ppruvat fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Raymond Chircop vs Guza Camilleri et", Citaz. Nru. 1519/1996 deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Jannar 2005. Illi bhala rizultat, il-garage gie rez prattikament inutilizzabli mill-attur.*

*3. Illi permezz tas-sentenza msemmija, il-konvenuti odjerni u l-konjugi taghhom instabu responsabbli ghall-hsarat illi zviluppaw fil-fond de quo u gew ikkundannati jaghmlu x-xogholijiet ta' riparazzjoni mehtiega fil-fond de quo fi zmien xahrejn.*

*4. Illi dawna x-xogholijiet ta' riparazzjoni, nonostante l-fatt li saru b'mod li m'huwiex interament sodisfacenti, tlestew fil-15 ta' Settembru 2005.*

*5. Illi ghalhekk l-attur, illi baqa' jhallas il-kera regolarment matul il-perjodu li fih kienet ghaddejja l-kawza msemmija, ma kien qed jidderiva l-ebda beneficcju mill-kirja de quo sakemm il-hsarat li zviluppaw gew imsewwija.*

*6. Illi inoltre l-attur hallas is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira (Lm225), liema somma l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw illi jirrifondu, sabiex jirripara s-sistema tad-drenagg fil-fond de quo, liema riparazzjonijiet kienu responsabilita' tal-konvenuti, u dana fuq ordni perentorju tal-awtoritajiet sanitarji.*

*7. Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-attur minhabba d-dewmien mhux gustifikat da parti taghhom illi jsewwu l-fond de quo.*

*Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost -*

*1. Tillikwida d-danni illi l-attur sofra fil-perjodu illi fih il-fond ma kienx jista' jintuza ghall-iskop li ghalih inkera, inkluz l-ammonti kollha tal-kera illi l-attur hallas lill-konvenuti fil-perjodu in kwistjoni.*

*2. Tikkundannahom ihallsu d-danni hekk likwidati lill-attur.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Dicembru 2005 u tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2006 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

*L-attur kontestwalment qed jitlob l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "Raymond Chircop vs Guza Camilleri et", Citaz. Nru. 1519/1996 deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Jannar 2005.*

**Rat** il-lista ta' xhieda u tad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-konvenuti prezentata fl-4 ta' Dicembru 2006 li taqra hekk -

*1. Preliminarjament illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tas-socjeta' "Raycop Enterprises Ltd." stante li huma m'ghandhom ebda rapport guridiku maghha.*

*2. Bla pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in quanto maghmula minn Raymond Chircop ezercenti l-kummerc bhala "Raycop Enterprises" huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.*

*3. F'kull kaz u bla pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, il-lista ta' xhieda taghhom u l-lista tad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-8 ta' Jannar 2007 (fol 17) fejn intlaqghet it-talba attrici sabiex jigi allegat il-process tal-kawza fl-issmijiet "Raymond Chircop vs Guza Camilleri" (Citaz. Nru. 1519/09 NC) deciz minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar 2005.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Novembru 2007 (fol 44) fejn saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'sem l-atturi Massimo, Aldo u Dario ahwa Chircop wara l-mewt tal-attur Raymond Chircop fil-mori tal-kawza.

**Rat** in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fil-21 ta' Mejju 2010 (fol 120) fejn il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Rat** l-atti tal-kawza fil-kumpless taghhom, in partikolari l-provi li ressqu l-partijiet.

**Rat** ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat –**

**L-Isfond**

Din hija azzjoni ghal danni allegatament subiti mill-attur wara li l-art tal-garaxx li hu jikri minghand il-konvenuti sfrondat bil-konsegwenza li ghal zmien twil kien allegat li ma setax jaghmel tal-garaxx. Mhux kontestat li parti minn din l-art ta' l-garaxx in kwistjoni sfrondat fid-29 ta' Novembru 1995. Issa permezz ta' azzjoni *ohra* li pprezenta kontra s-sidien tal-garaxx (li l-atti taghha jinsabu allegati mal-atti ta' din il-kawza), l-attur talab mill-Qorti l-kundanna tas-sidien sabiex jaghmlu r-

riparazzjonijiet necessarji. Il-kawza kienet deciza fil-21 ta' Mejju 2005 u ghaddiet in gudikat. Skond is-sentenza, il-konvenuti kienu kkundannati jaghmlu t-tiswijiet mehtiega taht is-supervizjoni tal-AIC Joseph M. Jaccarini. Ix-xogholijiet tlestew fil-15 ta' Settembru 2005. Il-pretensjoni principali ta' l-attur hija li matul iz-zmien kollu bejn meta sfrondat l-art tal-garaxx sakemm effettivament l-art giet riparata, il-garaxx kien inutilizabbli. Cio' nonostante baqa' xorta wahda jhallas il-kera dovuta kull xahar.

**L-Eccezzjoni Preliminari**

Fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2009 (fol 130) il-partijiet qablu, b'riferenza ghall-*occhio* tal-kawza, li s-socjeta' Raycorp Enterprises Limited m'ghandha x'taqsam xejn u hija estranea ghal kollox ghall-mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk l-atturi talbu li kull riferenza ghal Raycorp Enterprises Limited tithassar. Permezz ta' digriet moghti f'dik l-udjenza, din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitlub. In vista ta' dan, il-konvenuti rrinunzjaw ghall-eccezzjoni preliminari.

**It-Talba**

L-attur qed jirreklama r-rifuzjoni ta' l-kera li jallega li hallas ghalxejn prattikament bejn id-29 ta' Novembru 1995 u l-15 ta' Settembru 2005 billi ma setax jaghmel uzu mill-fond.

Qed jippretendi wkoll ir-rimbors tal-ispejjez li sborza sabiex isewwi s-sistema tad-drenagg tal-fond de quo.

**Il-Preskrizzjoni**

Fir-risposta guramentata, il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-Art.2153 tal-Kap.16. Din il-Qorti se tippronunzja ruhha l-ewwel dwar din l-eccezzjoni.

**I. L-Art.2153 tal-Kap.16**

Dan l-artikolu jaqra hekk –

*L-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.*

Issa din id-disposizzjoni tirreferi ghal azzjoni ghal risarciment ta' danni naxxenti minn *culpa aquiliana.* Huwa evidenti mill-premessi tar-rikors guramentat, kif ukoll mill-provi li tressqu, li l-azzjoni attrici tittratta danni ghal allegata inadempjenza da parti tal-konvenuti bhala sidien tal-fond de quo fil-konfront tal-atturi bhala inkwilini tal-istess. Ghaldaqstant id-danni reklamati huma ta' natura kontrattwali mhux derivanti minn *culpa aquiliana*. Ghalhekk preskrizzjoni skond l-artikolu citata ma tistax tirrizulta. Konsegwentement **tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153 tal-Kap.16**

## II. L-Art.2156(f) tal-Kap.16

Fir-risposta ulterjuri, il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16. Din id-disposizzjoni taqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin –*
*...*
*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Irrizulta li fit-23 ta' Frar 2006, kienet prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenuti li n-notifika taghha fil-25 ta' Frar 2006 (fol 126 et seq) kellu l-effett li jinterrompi l-preskrizzjoni skond l-Art.2128 tal-Kap.16. Bla dubbju ghalhekk dik in-notifika ppreservat id-dritt ta' azzjoni tal-atturi fir-rigward tal-kera mhallsa certament sal-hames snin precedenti d-data tan-notifika tal-att gudizzjarju.

Izda l-argument tal-atturi jmur oltre. Huma jsostnu li sakemm kienet deciza l-kawza *l-ohra* il-preskrizzjoni kienet sospiza. Ma' dan l-argument, il-konvenuti ma jaqblux tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom

jaghmlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tad-9 ta’ Marzu 1994 fil-kawza **“Xuereb *kontra* Zammit”** fejn inghad hekk -

*… meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta’ azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista’ tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta’ x’kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m’ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*

Il-kazi fejn il-preskrizzjoni hija sospiza huma stabbiliti fl-Art.2125 tal-Kap.16. Il-kazi huma tlieta. Huma ben definiti u ta’ applikazzjoni stretta (**“Borg kontra Grech et”** – Vol.XXXIII.I.695 – Qorti tal-Appell – 22 ta’ Dicembru 1948). Din il-Qorti gharblet it-tliet ragunijiet u ma ssibx li dik avvanzata mill-atturi hija raguni li tinkwadra f’wahda minnhom. In linea mal-argument tal-atturi, din il-Qorti gharblet ukoll kemm it-talbiet kif ukoll id-*decide* tas-sentenza fil-kawza *l-ohra* bejn il-partijiet, u ma jirrizultax li l-kawza kienet dikjaratorja. Tant hu hekk li la saret talba ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ tal-konvenuti u wisq anqas din il-Qorti (diversament presjeduta) ma ppronunzjat ruhha b’dikjarazzjoni ta’ responsabilita’. L-interess tal-attur f’dik il-kawza kjarament kien li jottjeni ordni tal-Qorti sabiex il-konvenuti jezegwixxu t-tiswijiet u hekk ghamlet l-Qorti f’dik il-kawza. Pero’ f’dik il-kawza bl-ebda mod ma kien deciz li l-konvenuti kienu responsabbli li jhallsu danni lill-attur.

Dak li ssottomettew il-konvenuti fin-nota taghhom huwa korrett -

*Il-kawza odjerna gietipprezentata fil-21 ta’ Gunju 2006. Ir-rikors guramentat jaghmel referenza ghal ittra ufficcjali datata 23 ta’ Frar 2006. Dik l-ittra ufficjali kienet interruttiva tal-preskrizzjoni, madankollu t-talba ta’ l-attur ghal kwalsiasi danni reklamati ghal zmien li jipprecedi it-*

*23 ta' Frar 2001 huma kjarament preskritti. Huwa maghruf illi d-dannu jigi subit fil-mument tad-diminuzzjoni patrimonjali u l-preskrizzjoni tibda ghaddejja hekk kif id-danneggjat ikun jista' jagixxi ghar-rizarciment ta' dawk id-danni. Fil-kaz in ezami, id-danni li qed jirreklama l-attur gew allegatament subiti ma' kull hlas ta' kera li sar dovut bejn id-29 ta' Novembru 1995 u l-15 ta' Settembru 2005 ladarba hu qieghed jghid li tul dan il-perjodu kull hlas sar ghal xejn ghax ma setax igawdi l-fond lilu lokat. Ghandu jkun car li japplika terminu preskrittiv separat ta' hames snin ghal kull pagament rispettiv. Il-fatt li kien hemm il-kawza Raymond Chircop v. Guza Camilleri et (Citazzjoni Numru 1519/96) li biha l-attur kien qieghed jitlob li [l-konvenuti] jwettqu x-xogholijiet ta' riparazzjoni fil-fond de quo huwa ininfluwenti ghal dak li jirrigwarda d-dekors tal-preskrizzjoni citata.*

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti, saret referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Marzu 1994 fil-kawza **<u>"Xuereb *kontra* Zammit"</u>**. F'dik is-sentenza, inghad hekk -

*… meta tkun sentenza tal-Qrati li <u>tohloq id-dritt ta' azzjoni</u>, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-proceduriment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*

Skond l-<u>Art.2137 tal-Kap.16</u>, il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda tiskatta hekk kif din setghet tigi esercitata (*exordium obligationis*). Issa ma kien hemm xejn li kien jippreklUdi lill-atturi milli jharsu d-dritt ta' azzjoni taghhom bla ma jistennew l-esitu tal-kawza *l-ohra*. Anke hawn din il-Qorti taqbel mal-konvenuti meta jsostnu li l-esitu tas-sentenza fil-kawza *l-ohra* ma holoq l-ebda dritt ta' azzjoni konsegwenzjali favur l-istess attur sabiex jipprocedi b'*din* l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni *fosthom* il-kera li

allegatament thallset ghalxejn mill-attur ghax il-fond kien inutizzabbli.

Fil-kaz tal-lum, ma rrizulta l-ebda impediment ta' natura legali li kellu jzomm lill-attur mill-esercizzju tempestiv ta' dritt li kien qed jippretendi li ghandu fil-konfront tal-konvenuti, u ghaldaqstant il-principju *contra non valentem agere non currit paescriptio* ma jistax jigi applikat ghall-fattispece tal-kaz tal-lum.

Anke fil-mori tal-kawza *l-ohra* l-attur kull dritt jittutela d-dritt ta' azzjoni tieghu bil-presentata **u** notifika ta' ittra ufficjali kontra l-konvenuti izda dan jidher li sarx. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Jannar 1933 fil-kawza "**Formosa Speranza noe *kontra* Camilleri**" (Vol.XXVIII.I.740) kien riaffermat il-principju li l-massima *contra non valentem agere non currit praescriptio* ma japplikax ghaliex ikun hemm kawza ohra pendenti li jkollha effett fuq il-pretensjoni tal-kreditur u dan propju ghaliex il-kreditur jista' dejjem jippreserva drittijietu bil-presentata u notifika ta' att gudizzjarju (*judicial act*) inkella bil-presentata ta' talba gudizzjarja (*judicial demand*).

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi ta' l-atturi kif esposta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom -

*Fil-kaz odjern, l-attur bl-ebda mod ma seta' jsejjah ruhu kreditur qabel ma nghatat is-sentenza msemmija ; il-kawza ntentata riedet tistabbilixxi r-responsabbilita' ghad-danni subiti u kien biss meta nghatat is-sentenza illi tali responsabbilita' giet attribwita lill-konvenuti odjerni ...*

*Il-kera thallset regolarment sabiex l-attur jissalda l-obbligu tieghu naxxenti mill-iskrittura ta' lokazzjoni imma hija assurdita' illi tistenna illi l-attur kellu jakkompanja tali hlas b'ittra ufficjali sabiex jitlob ir-rifuzjoni ta' tali hlas fl-eventwalita' ill-konvenuti jinsabu responsabbli ghall-hsarat fil-fond mikri kif illum qed jppretendu l-konvenuti.*

Propju ghaliex l-istat tad-dritt mhuwiex kif pretiz minnhom.

**Ghalhekk tiddikjara preskritta l-azzjoni attrici skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 limitatament ghar-rigward ta' kull pretensjoni ta' rimbors tal-atturi li teccedi l-hames snin precedenti d-data ta' l-25 ta' Frar 2006.**

**Risultanzi fil-Mertu**

**I. Il-hlas tal-kera**

L-attur jallega illi huwa hallas Lm 7403 (illum €17,244.35) bhala kera tal-fond de quo ghad li 'ma kien qed jidderiva l-ebda beneficcju mill-kirja *de quo* sakemm il-hsarat li zviluppaw gew imsewwija" (ara l-premessi fir-rikors guramentat a fol. 2 tal-process). Fl-affidavit tieghu, l-attur jixhed li meta sfrondat l-art tal-garaxx kellu joqghod attent hafna sabiex ma jipperikolax l-bini ta' fuqu *"fil-garaxx ma setghux jidhlu vetturi, …l-anqas uzu bhala semplici 'store' tal-fond mikri ma seta' jsir, lanqas limitatament'*. Jidher illi l-attur qed jallega illi dan il-garaxx kien ihallih vojt izda fuq l-iskorta tal-kumpless tal-provi din il-Qorti ssibha difficli sabiex temmen u taccetta dan.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-process tal-kawza Nru. 1519/96 NC. Qieset ukoll il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum. Din il-Qorti tghid li fil-mori tal-kawza Nru. 1519/96 NC, jirrizulta li l-attur kien jaghmel uzu mill-garaxx. Fir-ritratt anness mar-relazzjoni tal-AIC Joseph Jaccarini (fol. 133 tal-kawza nurmu 1519/96NC) hija evidenti l-merkanzija fl-art imqeghda fil-genb.

Fir-rapport tieghu tat-22 ta' Frar 1996 (fol 26), l-AIC Richard Aquilina jghid hekk –

*Peress illi l-parti li sfrondat tinstab fid-dahla tal-bieb u l-art hi maqluba lejn in-nofs, huwa difficli li wiehed jimxi fuq din l-art. Ghalhekk jehtieg li din l-art tigi riparata mill-aktar fis possibbli.*

Accettat li nholoq inkonvenjent meta sfrondat parti mill-art, cio' nonostante din il-Qorti tinnota li anke avolja nghad li kien *difficli li wiehed jimxi fuq l-art* xorta wahda sar uzu tal-garage ghall-hazna ta' merkanzija kif fuq inghad.

Dan huwa wkoll **<u>ikkonfermat</u>** minn ittra li l-attur baghat lill-konvenuta Imelda Naudi wara li din infurmatu li kienu ser jibdew ix-xogholijiet rimedjali. Fir-risposta tieghu l-attur kiteb hekk :

... *ahna ghandna bzonn ta' preavviz ta' ftit granet qabel jibda x-xoghol, halli nsibu **<u>post alternattiv</u>** sakemm jitlesta x-xoghol"* (enfasi tal-Qorti).

Ghalkemm mhux specifikat l-uzu ta' dan il-garaxx, jidher illi jekk l-attur kellu jsib '*post alternattiv'* allura jsegwi li l-attur certament kien qed jaghmel uzu milli-garage. Huwa wkoll ndikattiv il-fatt li l-attur talab ghal preavviz ta' 'ftit granet'.

Rilevanti wkoll hija x-xhieda tal-<u>AIC David Pace</u> (fol 81 et seq) fejn meta stqarr li ftit qabel bdew ix-xogholijiet ta' riparazzjoni fil-garaxx, kien ltaqa' ma' l-attur u *"ghidtlu imbaghad qabel ma nibdew naghmlu data halli inti jkollok zmien biex l-affarijiet li kien hemm fil-garaxx tnehhihom ... kien qalli f'dak il-kaz ma jkunx hemm bzonn ghax naghmel partition fin-naha ta' wara ghax it-tiswija kienet fin-naha ta' quddiem u wara kien ser jibqa' kif inhu u l-affarijiet li ghandi fil-garaxx inpoggihom hemm wara".* L-istess xhud ighid li fil-garaxx kien hemm '*shelving units'* u kaxxi li "*kienu mxerrdin mal-garaxx kollu".* Il-Perit Pace jixhed ukoll li ... "*l-opinjoni tieghi hija li vera kien hemm l-art imnizzla u ghalhekk saru t-tiswijiet pero' sa certu punt wiehed seta' jidhol, tghidli forsi ma jistax jidhol bil-container jew bit-trailer, hemmhekk forsi iva imma vann jew karozza jew vettura wiehed seta' jidhol nahseb".*

<u>Paul Buhagiar</u> li kien il-bennej inkarigat sabiex jezegwixxi r-riparazzjonijiet xehed hekk (a fol. 101 et seq) –

*Kien hemm xkaffar miz-zewg nahat tal-hitan u fin-nofs u kien mimli bil-kaxxi fuhom, kaxxi tal-kartun. Kaxxi kien hemm kullimkien, ghalkemm l-art kienet sfrundata, pero' wiehed seta' jidhol fil-garaxx liberament. Nghid illi s-sid kienu juzaw bil-vettura tieghu vann abjad u jien dhalt hemmhekk bit-trakk tieghi. Il-parti ta' gewwa tal-garaxx*

*kienet mimlija merkanzija … l-garaxx jien kont nara nies jghabbu u jhottu b'xi vann pero' ma nafx kienu jgorru. Il-garaxx kien ippakkjat u lanqas kellhom fejn iqeghdu aktar xkafef.*

L-assjem ta' dan kollu iwassal lil din il-Qorti ghac-certezza morali li l-attur kien tassew baqa' jaghmel uzu bhala store tal-garaxx in kwistjoni. L-inkonvenjent li gab mieghu l-isfondament parzjali tal-art tal-garaxx lejn il-parti ta' quddiem tieghu sakemm saru t-tiswijiet skond is-sentenza fil-kawza *l-ohra* ma kkagunax id-dannu f'esbors ta' kera bla bzonn li l-attur qed jirreklama. Ghal din il-Qorti, l-attur ma wasalx biex jipprova sal-grad rikjest mil-ligi li matul il-hames snin precedenti l-25 ta' Frar 2006 (u *del resto* l-argument japplika wkoll ghas-snin ta' qabel) huwa hallas kera inutilment ghax kien privat mill-uzu tal-garage. Pjuttost irrizulta l-maqlub ta' dak li sostna l-attur.

**II. It-tiswija tad-drenagg**

Fl-affidavit tieghu (fol 23 sa 25) l-attur jallega li fil-mori tal-kawza *l-ohra* kien hemm hsara fis-sistema tad-drenagg tal-fond de quo li kellha tissewwa fuq ordni perentorja tal-awtoritajiet sanitarji. Billi l-konvenuti rrifjutaw li jsewwu l-hsara, kellu jsewwi hu u nkorra spiza ta' Lm 185 (dokumenti a fol 31 sa 33). Ir-ricevuti huma datati 9 ta' Settembru 2005, 14 ta' Ottubru 2005 u 29 ta' Ottubru 2006. Kien hemm danni ulterjuri ta' Lm 15 fid-drenagg (fol 37 u 38). Din il-pretensjoni tal-attur ma kenitx kontradetta mill-konvenuti u lanqas sar l-icken accenn ghaliha mill-konvenuta Imelda Naudi meta xehdet *viva voce* fl-20 ta' Ottubru 2008 (fol 107 et seq). Lanqas ma jirrizulta li din il-pretrensjoni hija preskritta. Ghalhekk din il-Qorti qed takkorda r-rimbors ta' Lm 200 (illum €465.87) favur l-atturi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Fl-ewwel lok, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni preliminari stante rinunzja.**

**Fit-tieni lok, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153 tal-Kap.16.**

**Fit-tielet lok, tilqa' limitatament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2156(f) tal-Kap. 16.**

**Fir-raba' lok, tilqa' *in parte* l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.**

**Fil-hames lok, tilqa' t-talbiet attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi biss is-somma ta' erba' mija hamsa u sittin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€465.87), bl-imghax legali b'effett mil-lum, bhala rimbors ta' spejjes li l-atturi nkorrew fit-tiswija tas-sistema tad-drenagg tal-fond de quo.**

**Fis-sitt lok, b'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------